# <u>Tribunal Industrijali</u>

## <u>Deċiżjoni Nru: 2634</u>

Każ Nru : 3206/ET

Fil-Kwistjoni tax-xogħol

bejn

B'digriet ta' l-1 ta' Novembru, 2017, jidhlu Anthony Cassar (KI 500557(M), Josephine Cassar (KI 201053M) u Darren Cassar (KI 158985M) minflok id-defunta Cherisse Cassar

u

Appletree International Limited

(C 42265)

Illum : 28 ta' Novembru, 2019

*dwar : tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

***Chairman*: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**

**<u>Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-każ:</u>**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr. Chris Cilia nhar is- 17 ta' Frar, 2014, f'isem ir-rikorrenti Charisse Cassar li sfortunatament ġiet defunta b' konsegwenza ta' marda serja matul il-proċess. Il-familjari tar-

rikorrenti xtaqu jkomplu l-każ u fil-fatt sar rikors għal-leġittimazazzjoni tal-atti. Eventwalment f'digriet li tagħajt jien datat 2 ta' Novembru, 2017, il-każ kompla f'isem is-Sinjuri Anthony Cassar, Josephine Cassar u Darren Cassar minflok id-defunta Charisse Cassar. Kien għal din il-ġrajja ukoll li l-każ dam ma ngħalaq u għaldaqstant ukoll id-deċiżjoni ħadet iż-żmien tagħha.

Fir-rikors datat 17 ta' Frar, 2014, ir-rikorrenti esponiet dawn il-punti saljenti:

Ir-rikorrenti kienet impjegata mas-soċjeta Appletree International Limited bl-impjieg jiġi tterminat fil-31 ta' Ottubru, 2013.

Illi r-raġuni mis-soċjeta' li tagħat fuq il-formola ta' dak li kien ETC kienet *'end of definite contract'*. Illi din hi skorretta skont Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta fosthom artiklu 342 u li għaldaqstant il-kuntratt kien indefinit.

Illi r-rikorrrenti ġiet impjegata inizjalment bħala *'outbound rep'* fuq bażi *part-time* mas-soċjeta' Vodafone Malta Ltd. b'kuntratt definit mis-17 ta' Ottubru, 2008 sal-31 ta' Marzu, 2009, u meta skada dan it-terminu, ir-rikorrenti baqgħet fl-impjieg mingħajr ma ġie ffirmat kuntratt ta' mpjieg ġdid.

Illi dik il-parti ta' l-operat kummerċjali li kienet tagħmel is-soċjeta Vodafone Malta Ltd, fejn kienet tahdem ir-rikorrenti ġiet mgħoddija li-soċjeta ntimata u għaldaqstant kienet tapplika l-Liġi tat-*transfer of business*. Ir-rikorrenti kienet iffirmat kuntratt ġdid ta' mpjieg mas-soċjeta' ntimata għal żmien definit ta' sitt (6) xhur mill-1 ta' Novembru, 2009 sat-30 ta' April, 2010. Meta għadda dan it-terminu r-rikorrenti reġgħat baqgħet fl-impjieg mingħajr ma ġie ffirmat kuntratt ġdid.

Illi reġa ġie ffirmat kuntratt ieħor għal żmien definit mill-1 ta' Novembru. 2011 sat-30 ta' April, 2012 u wara li skada dan il-perjodu, r-rikorrenti reġgħat baqgħet fl-impjieg mas-soċjeta' ntimata bla ma ġie ffirmat kuntratt ġdid sakemm unilateralment l-impjieg ġie tterminat mis-soċjeta' ntimata fil-31 ta' Ottubru, 2013.

Illi fir-realta' r-relazzjoni kuntrattwali bejn ir-rikorrenti u s-soċjeta' ntimata kienet waħda ta' imjieg għal żmien indefinit u dan bl-applikazzjoni tal-Liġi u mhux għal żmien definit.

Illi allura, s-soċjeta' ntimata tterminat l-impjieg tar-rikorrenti nġustament u mingħajr raġuni valida skont il-Liġi.

Illi r-rikorrenti hija tal-fehma u konvinti li fir-realta s-soċjeta' ntimata tterminat l-impjieg ta' Ms Cherisse Cassar minħabba raġunijiet ta' saħħa li kienet għaddeja minnhom ir-rikorrenti.

Għaldaqstant ir-rikorrenti qed titlob lil dan it-Tribunal:

- Jiddikjara li l-kuntratt ta' mpjieg kien wieħed indefint skont il-provvidimenti tal-Liġi ;
- Illi s-soċjeta ntimata tterminat l-impjieg mingħajr raġuni valida u skont il-Liġi ;
- Li jingħata kumpens xieraq u bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta ntimata

Min-naħa tagħha, s-soċjeta' ntimata permezz tal-Avukat Dr. Mario Caruana ddikjarat kif ġej:

Illi r-rikorrenti kienet imjegata bħala *temporary worker* u mhuwiex minnu li s-soċjeta' ntimata tterminat l-impjieg inġustament u mingħajr raġuni valida skont il-Liġi.

Illi l-allegazzjoni tagħha li tterminazzjoni saret abbażi ta' saħħita hija nfondata u hija ntenzjonata biex tippreġudika r-reputazzjoni tajba li għandha s-soċjeta ntimata.

Illi s-soċjeta ntimata ma ħaditx passi dixxiplinarji meta r-rikorrenti ta' spiss ma kinitx tirraporta għax xogħol mingħajr avviż, li ħarġet fuq *sick leave,* la lis-soċjeta' ntimata u lanqas lil fejn kienet assenjata.

Illi fid-29 ta'Ottubru, 2013 is-soċjeta' ntimata u r-rikorrenti ltaqgħu u ddiskutew il-problemi fil-*performance* tagħha fejn il-klijent fejn kienet assenjata, kien ilu jiġbed l-attenzjoni lir-rikorrent dwar ħin moħli waqt il-ħin tax-xogħol f' *chatting* fuq *Facebook*. Matul dik il-laqgħa sar qbil bonarju li l-impjieg tagħha jiġi tterminat u li r-raġuni li titniżżel fuq it-*termination form* tkun tali li r-rikorrenti tkun tista tirreġistra. Ir-rikorrenti ħadt ukoll kull ma kien dovut lilha skont il-Liġi nkluż ħlasijiet ta' *bonus* u *vacation leave* pendenti.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proċeduri xehdu: Ms.Claire Briffa – Direttur, Ms. Doreen Calleja – Business Manager u Ms. Rosalie Tanti – Vodafone Call Centre Sr. Executive. Ġew ippreżentati tlett affidavits minn Mr. Anthony Cassar – missier ir-rikorrenti, Mr.Darren Cassar – hu r-rikorrenti u min Mr.Ryan Deguara – l-għarus tar-rikorrenti. Ġew esebiti wkoll diversi dokumenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet u Deċiżjoni</u>**

Dan it-Tribunal għandu biex jikkonsidra jekk is-soċjeta' ntimata kinitx ġusta meta tterminat l-impjieg tad-defunta Cherisse Cassar.

It-Tribunal analizza l-fatti, x-xhieda kollha bir-reqqa, il-provi miġjuba kif ukoll id-dokumenti ppreżentati.

Wara dan it-Tribunal għaraf tlett sitwazzjonijiet prinċipali biex jasal għad deċiżjoni:

1. Il-kuntratti bejn is-soċjeta' ntimata u r-rikorrenti;
2. Il-marda kronika li r-rikorrenti kellha mit-twelid;
3. It-terminazzjoni fuq performance;

Rigward il-kuntratti dawn kienu jkunu għal perjodu ta' sitt xhur u jiġġeddu. Jiġġeddu bla firma tar-rikorrenti. Probabbli jiġġeddu b'email bejn is-soċjeta' u l-klijent. Ġew iffirmati biss żewġ kuntratti meta r-rikorrenti ġiet ingaġġata fil-bidu bħala *part-timer* u wara bħala *full-timer*. It-Tribunal jidhirlu li biex ikun konformi mal-Liġi I ndustrijali Artiklu 34, Sub-artiklu 2 tal-Kapitlu 452, il-ħaddiem għandu dejjem jiġi ppreżentat b'kuntratt għal-firma. It-Tribunal iżda, ma nnota l-ebda ntenzjoni li tinkiser il-Liġi, iżda għal ġid tal-partijiet jaqbel li s- Socjeta' ntimata tibdel il-prassi għal-futur.

Rigward il-marda kronika li sfortunatament kellha d-defunta Ms Cherisse Cassar, is-soċjeta' ntimata ġiet akkuzata li tterminat lir-rikorrenti mhux fuq *performance* iżda minħabba l-marda li kellha r-rikorrenti. It-Tribunal jagħmilha ċara li ma sab l-ebda fatt juri prova li s-soċjeta' ntimata nqdiet jew b' xi mod kellha xi pjan ta' terminazzjoni minħabba l-marda.

Rigward it-terminazzjoni fuq *performance*, it-Tribunal jinnota nuqqasijiet kontradizzjonijiet u nuqqas ta' proċeduri.

Ir-rikorrenti kienet ilha mas-soċjeta' ntimata u taħdem għal l-istess klijent kważi għal erba (4) snin. Minn *part-timer* is-soċjeta' ntimata u l-klijent qablu li r-rikorrenti tiġi *full-timer*. It-Tribunal innota wkoll li s-soċjeta' jidher li jew kellha ftit jew ma kellhiex esperjenza ta' ħaddiema li jaqbżu l-erba' (4) snin u jiġu fuq kuntratt indefinit. Jidher ukoll li dak iż-żmien il Vodafone kien il-klijent ewlieni tas-soċjeta' ntimata. Ukoll kemm is-soċjeta' ntimata u kemm il-klijent kienu konxji bil-problemi ta' saħħa tar-rikorrenti. Ħareġ ukoll mill-affidavits tal-qraba li r-rikorrenti kienet qed tippjana li se tiżżewweġ u kellha l-leave għat-tieġ u għal *honeymoon* approvat ftit qabel ma ġiet itterminata.

Issa fuq it-terminazzjoni per se kien hemm xi problema fuq il-*performance* mill-klijent iżda l-impjieg baqa' jiġi mġedded avolja fl-aħħar sena u nofs il-*performance* tar-rikorrenti kienet inkonsistenti .

Kien sar *meeting* bejn is-soċjeta' ntimata u l-klijent mingħajr preżenza tar-rikorrenti u ittieħdet id-deċiżjoni li r-rikorrenti tiġi tterminata.

Sar *meeting* ieħor fejn is-soċjeta'  ntimata sejħet lir-rikorrenti biex tinfurmaha. Dan jumejn qabel kien se jiskadi l-kuntratt, meta r-rikorrenti kienet sa tasal biex tinqaleb fuq kuntratt indefinit kif ukoll kienet se tmur l-Ingilterra għal aktar kura. F'dan il-*meeting* ma rrappreżentaha ħadd u t-Tribunal jagħraf li kienet fi żvantaġġ konsiderevoli, filwaqt li s-soċjeta'  ntimata deher ċar li ma kellhiex proċeduri stabbiliti ta' dixxiplina. Biex tasal għal tkeċċija mhux biżżejjed *e-mails* mill-klijent, iżda kellu jkun hemm kodiċi li jinkludu *verbal warnings, warnings* u sospensjonijiet, Bord ta Dixxiplina, bit-tkeċċija tkun l-aħħar miżura u dawn iridu joħorġu mis-soċjeta'  ntimata.

It-Tribunal għaldaqstant, wara li eżamina iċ-ċirkostanzi kollha marbutin mat-terminazzjoni qed jiddeċiedi li din kienet waħda nġusta u li  hemm lok li jingħata kumpens. Il-kumpens qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' sitt t'elef Ewro (€6,000) liema kumpens għandu jitħallas mis-soċjeta' ntimata fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Għall-finijiet tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffisati fl-ammont ta'  tlieta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).

B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja